MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1275/2000/1

**Francesco Grech u Carmelo Grech.**

**-vs-**

**Anthony Azzopardi.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-21 ta’ Gunju, 2000 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi Francesco Grech u ibnu Carmelo Grech ghandhom il-pussess tal-ghalqa tal-kejl ta’ cirka sitt itmien

(T6) li tinsab fil-limiti ta’ Haz Zabbar maghrufa bhala ta’ *Buleben iz-Zghir* immarkata bil-kulur ahmar fuq l-anness pjanta Dokument A.

Illi l-konvenut ghandhu raba’ adjacenti u ilhom zmien jghinu lil xulxin fis-sens li l-konvenut kienu jgin lill-atturi fit-tisqija u fil-hart waqt li l-atturi, specjalment Francesco Grech, kienu jghinu lill-konvenuti fis-serrer taghhom u affarijiet ohra, izda minghajr qatt ma irrinunzjaw ghal pussess esklussiv taghhom.

Illi bil-mohbi tal-atturi, il-konvenut irranga mas-sid li huwa il-Gvern ta’ Malta, biex jigi rikonnoxxut bhala inkwilini tal-istess raba’, flimkien ma’ martu Rita, wara li ghamel affidavit fis-sens li ilhu jahdem din ir-raba’ ghal izjed minn sentejn.

Illi fis-7 ta’ Gunju 2000 il-konvenut Anthony Azzopardi dahal bi vjolenza fl-istess ghalqa billi baghat truck bil-hamrija u gaffa u ippretenda li kellu il-pussess esklussiv tal-istess ghalqa bhala inkwilin tal-Gvern u laqa’ lill-atturi milli jidhlu izjed fiha u beda jahdimha minn dak iz-zmien l’hawn hu stess, liema agir tal-konvenut jammonta ghal spoll a terminu tal-artiklu 535 Kap 16.

Illi l-atturi kellhom l-ucuh fir-raba’ u l-patata merfugha taht il-harrub.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll recenti ghad-dannu tal-atturi a’ terminu tal-Artiklu 535 Kap 16.

2. Tordna li l-konvenut johrog mill-istess ghalqa ta’ *Buleben iz-Zghir* biex l-atturi jigu b’hekk re-integrati fil-pussess taghhom tal-istess ghalqa.

3. Tinibixxi lill-konvenut milli b'xi mod jimmolesta lill-atturi fit-tgawdija tal-ghalqa ta' *Buleben iz-Zghir*.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni u b'riserva ghal kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet pprezentata fil-11 ta' Settembru, 2000 li permezz taghha l-konvenut ecepixxa:

1. Illi l-eccipjent ilu jahdem ir-raba' riferit fl-att tac-citazzjoni mill-1994, skond ftehim li sar bejnu u bejn l-attur Francesco Grech. Ghalhekk it-talbiet attrici huma nsostenibbli fil-fatt u skond il-ligi.

2. Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar 2004 li permezz taghha il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi kif tindika c-citazzjoni din hija kawza ta' spoll u huwa risaput illi r-rekwisiti biex kawza simili tirnexxi huma tlieta u cioe':

**1. il-pussess;**

**2. l-azzjoni spoljattiva illi tkun jew klandestina jew vjonenti fis-sens li tkun saret kontra l-volonta' tal-attur; u**

**3. il-kawza trid issir entro xahrejn minn meta jsir l-ispoll – diversi sentenzi jghidu li dan il-perjodu jibda ghaddej minn meta l-attur ikun sar jaf bl-ispoll.**

Din il-kawza saret peress li l-kontendenti ghandhom eghlieqi konfinanti ma' xulxin u l-atturi qed jallegaw illi gew spoljati mill-pussess taghhom mill-konvenut wara li dan tal-ahhar irranga mas-sid (il-Gvern) biex idawwar il-qbiela fuq ismu.

Ghalhekk ma hemmx dubbju illi f'xi hin l-atturi kellhom il-pussess rikjest mill-ligi. Il-kwistjoni jekk dan il-pussess giex trasferit lill-konvenut snin qabel kif qed jallega l-istess konvenut.

Gew prodotti diversi provi mill-partijiet, u apparti d-deposizzjoni jew/u affidavits tal-atturi, xehdu diversi familjari specjalment tal-atturi. Dawn kollha tista' tghid qalu li l-konvenut ghamel snin twal qabel l-allegat spoll jghin lil atturi fil-hdim tal-ghalqa izda sostnew illi kemm l-atturi u kemm il-familjari taghhom baqghu jipposjedu l-ghalqa qabel sar l-allegat spoll f'Gunju tas-sena 2000.

Mill-assjem tal-provi il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-atturi ghalkemm kienu jippermettu lill-konvenut juza l-ghalqa kuma kienu fil-pussess taghha. Jista' jkun illi ittraskuraw ftit it-tmexxija taghha, u dan hu rispekkjat mill-fatt li huma kienu ilhom hafna snin ma jhallsu l-qbiela – infatti meta l-konvenut gie rikonoxxut mill-Gvern bhala l-kerrej hallas arretrati ta' tletin sena. Madankollu ma jidhirx illi l-atturi urew xi intenzjoni cara li jitilqu l-ghalqa ghal kollox u biex ikun hemm rinunzja ghal xi dritt din trid tkun cara u manifesta.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, l-atturi kellhom il-pussess rikjest mil-ligi. Kif gie ritenut fil-kawza Delia vs Schembri (Prim Awla tal-Qorti Civili 4 ta' Frar 1958):

*L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess ikun x'ikun … u gie deciz kemm il-darba li tapplika ukoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet reali u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata ikun ghamel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jesercitah minghajr l-intervent tal-Qorti.*

Illi kif irrimarkat l-istess sentenza f'kawza simili jistghu jitressqu biss eccezzjonijiet dilatorji u l-konvenut ma jistax jirrispondi li dak li jkun ghamel ikun att legittimu ghaliex tali indagini hija riservata ghal azzjoni petitorja.

Kwindi l-Qorti thoss li l-kwistjoni tal-iskrittura li giet esebita mill-konvenut ma tikkostitwixxi ebda prova f'din il-kawza ghajr biex forsi tissekonda t-tezi tal-konvenut illi hu ilhu jipposjedi l-ghalqa mill-1994. Il-Qorti pero' ma hijiex mitluba f'din il-kawza tiddeciedi dwar il-validita' ta' din l-iskrittura. Jista' jkun illi l-konvenut kien diga' jkun fl-ghalqa izda fil-fehma tal-Qorti, l-intenzjoni tal-atturi kienet li jhalluh hemm b'tolleranza u mhux b'mod illi jitilfu xi drittijiet skond il-ligi. Il-Qorti temmen li l-konvenut approfitta ruhu minn din it-tolleranza biex jipprova jiehu l-ghalqa ghalih. Naturalment il-Qorti qed tghid dan fl-ambitu ta' din il-kawza ghaliex il-partijiet jibqghalhom impregudikati id-drittijiet petitorji taghhom.

**Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u:**

**1. tiddikjara li l-konvenuti ikkomettew spoll fuq id-drittijiet tal-atturi ai termini tal-Artiklu 535 tal-Kap. 16,**

**2. tordna lill-konvenut illi johrog mill-istess ghalqa ta' Buleben iz-Zghir biex l-atturi jigu reintegrati**

**fil-pussess taghhom tal-istess ghalqa, fi zmien xahar millum.**

**3. tinibixxi lill-konvenut milli b'xi mod jimmolesta lill-atturi fit-tgawdija tal-ghalqa ta' Buleben iz-Zghir.**

**L-ispejjes jigu sopportati mill-istess konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------